PDF Compressor Pro



Dehra mill-isbaħ tal-Kwadru titulari waqt id-diskors storiku ta' Umberto Buttigieg

Akkademja Mużiko-Letterarja

L-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Mario Grech ippresieda Akkademja Mużiko-Letterarja fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa r-Rabat, Għawdex. L-Akkademja saret fl-okkażjoni tat-tmiem ix-xogħol ta' restawr fuq l-inkwadru titulari tal-istess Santwarju. Il-kumpanija Prevarti tal-Mosta kienet responsabbli mix-xogħol ta' restawr li sar bejn Ottubru 2011 u Mejju 2012. Dan ir-restawr li ħabat mas-sittin anniversarju tal-inkurunazzjoni ta' dan l-inkwadru titulari sar possibbli bl-għajnuna li l-*Bank of Valletta* għoġbu jagħti.

Ippreżenta l-Akkademja Joe Camilleri. Umberto Buttigieg tkellem dwar il-kuntest storiku: il-kapelli ta' Fomm il-Ġir u d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzja matul is-snin, it-terremot tal-1693, il-wasla tal-Patrijiet Kapuċċini f'Għawdex u l-bini tal-knisja l-ġdida u kunvent fl-inħawi ta' Fomm il-Ġir kif ukoll dwar l-inkurunazzjoni u s-serq tal-kuruni.

Paul Cassar ippreżenta profil artistiku tal-inkwadru u spjega għaliex dan ix-xogħol artistiku huwa attribwit lil Stefano Erardi. Pierre Bugeja, restawratur u direttur tal-Kumpanija Prevarti tkellem dwar il-ħsarat li l-inkwadru kien ġarrab u dwar id-diversi stadji tal-proċess ta' restawr. Patri Remigio Galea, Kapuċċin anzjan mir-raħal ta' Sannat, Għawdex, qara poeżija li kiteb hu stess għal din l-okkażjoni hekk sabiħa. Fl-Akkademja ħa sehem ukoll l-kor Fjur t'Assisi, l-kor tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja li eseguwixxa diversi innijiet fosthom l-Ave Maria ta' Schubert. L-Akkademja ġiet fit-tmiemha meta l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof indirizza lill-mistednin preżenti u bierek l-inkwadru tal-Madonna tal-Grazzja li ġie restawrat.

Fl-aħħar tal-Akkademja dawk preżenti ġew mistiedna għal riċeviment żgħir fil-kjostru tal-Kunvent.



Waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja. Jidhru fost l-oħrajn Mons Isqof Mario Grech, l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, Mons Ġużeppi Attard, il-Gwardjan tal-Patrijiet f'Għawdex Patri Karm Dimech u l-Provinċjal Patri Domnic Mangani



Il-kor tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Fjur t'Assisi waqt l-Akkademja

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



L-istoriku Għawdxi Joe Camilleri li ppreżenta l-Akkademja



Paul Cassar waqt l-ispjegazzjoni artistika tiegħu fuq l-inkwadru

Festa ta' San Bert

SAN BARTILMEW APPOSTLU HARISNA * PARROĊĊA - GHARGHUR *

Ġurnata mal-Għurgħurin

Il-Ħadd 26 ta' Awwissu 2011

Fiċ-Ċentru Malti tal-La Valette

175 Walters Road, Blacktown. NSW

Ikun hemm:

- *Quddiesa fil-Ħdax ta' filgħodu*
- *Marċi fuq CD's*
- *Logħob tal-Boċċi*
- *Kant bil-Malti ma' Joe Xuereb u Ronnie Borg*
- *Video tal-Festa*
- *Divertiment ma'* ***HEARTBEAT***
- *Ikel u Xorb Malti mill-Klabb*

Ejjew u ġibu il-ħbieb magħkom
Dħul b'xejn